



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0373(CNS)**

**14379/21
ADD 4**

**AG 110
INST 423
FREMP 277
IA 195**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Novembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 358 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet municipli minn ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni) - Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 358 final¹.

Mehmuż: SWD(2021) 358 final

¹ Dan id-dokument huwa identiku għal ST 14376/21 ADD4



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2021
SWD(2021) 358 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal
DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet municiipali minn ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni)

**Proposta għal
DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni)

{COM(2021) 732 final} - {COM(2021) 733 final} - {SEC(2021) 576 final} -
{SWD(2021) 357 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' 2 paġni)
Valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet elettorali taċ-ċittadini mobbli tal-UE
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Iċ-ċittadini tal-UE li qed jgħixu, jaħdmu, jistudjaw eċċ. f'pajjiż tal-UE li mhumiex ċittadini tiegħu ("ċittadini mobbli tal-UE") huma intitolati, skont il-liġi tal-UE, jivvutaw u joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali f'dak il-pajjiż bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu. Madankollu, huwa biss għadd relattivament baxx ta' nies li jagħmlu dan, minħabba diversi raġunijiet: • in-nies mhumiex neċessarjament konxji ta' dawn id-drittijiet u għad għandhom problemi biex jiksbu informazzjoni preċiża dwar il-proċeduri amministrattivi. • ikunu skoraġġuti milli jirreġistraw minħabba proċessi ta' piż u r-riskju li jiġu dereġistrati mill-elezzjonijiet fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. • l-awtoritajiet nazzjonali għandhom qed jiffaċċjaw problemi biex jipprevjenu l-votazzjoni multipla fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, minħabba diffikultajiet fil-qsim tal-informazzjoni biex jiġu identifikati l-votanti u l-kandidati li jkunu rreġistraw aktar minn darba. Minħabba ż-żieda fl-għadd ta' ċittadini tal-UE li qed jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE, dawn il-problemi se jsiru aktar sinifikanti għax jaffettwaw proporzjon dejjem akbar ta' ċittadini tal-UE.
X'għandu jinkiseb?
Din l-inizjattiva tindirizza dawn id-diffikultajiet billi taġġorna, tiċċara u ssaħħa l-ir-regoli, biex tiżgura li dawn jgħinu kemm jista' jkun ċittadini mobbli tal-UE jipparteċipaw fl-elezzjonijiet, kif ukoll tipproteġi l-integrità tal-elezzjonijiet innifishom. Speċifikament, l-għan huwa li: • jiġu simplifikati l-proċeduri għar-reġistrazzjoni fir-reġistru elettorali bħala votant u kandidat • jizzied l-għarfien u l-fehim taċ-ċittadini affettwati dwar id-drittijiet elettorali tagħhom, u l-proċessi amministrattivi relatati. • jonqsu l-possibbiltajiet ta' votazzjoni multipla fl-elezzjonijiet Ewropej • jonqsu l-possibbiltajiet li ċ-ċittadini affettwati jiġu dereġistrati mill-elezzjonijiet fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom • jitjieb il-ġbir tad-data dwar l-elezzjonijiet muniċipali u għall-Parlament Ewropew • jiġu emendati r-regoli skaduti u obsoleti (eż. b'konsegwenza tal-Brexit).
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Id-drittijiet elettorali inkwistjoni huma stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala parti mid-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE. Il-qafas legali għall-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet jinvolti r-regoli tal-UE kif ukoll daww nazzjonali. Peress li l-kwistjonijiet transfruntieri mhumiex rilevanti għall-kompetenza tal-pajjiżi individwali tal-UE, il-problemi identifikati ma jistgħux jiġu indirizzati minn azzjoni individwali tal-pajjiżi.
B. Soluzzjonijiet
X'inhu l-għażliet differenti biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat żewġ għażliet ta' politika. It-tnejn jippreżentaw firxa ta' miżuri potenzjali biex jindirizzaw il-problemi: • L-għażla 1 timmira li ssaħħa u tiċċara r-regoli eżistenti. Dan trid tagħmlu permezz ta' bidliet immirati f'oqsma fejn ġew identifikati l-problemi. • L-għażla 2 tintroduċi ġabra ta' miżuri bil-għan li jiġu riformati d-Direttivi. Timmira li tarmonizza l-elementi ewlenin tal-proċess elettorali fl-Istati Membri. Għalkemm l-għażla 2 tidher l-aktar effettiva, l-għażla ppreferuta tagħna hija l-għażla 1, minħabba raġunijiet ta' effiċjenza, koerenza, sussidjarjetà u proporzjonalità.
X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
Il-partijiet ikkonċernati b'mod ġenerali esprimew appoġġ wiesa' għal din l-inizjattiva. Iċ-ċittadini u l-NGOs enfasizzaw il-ħtieġa għal informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar il-proċessi ta' reġistrazzjoni u votazzjoni u limitu fuq id-dereġistrazzjoni

involontarja. L-awtoritajiet nazzjonali huma interessati li jkomplu jtejb u l-proċess tal-iskambju tad-*data* dwar il-votanti, biex jipprevjenu l-votazzjoni multipla u li jżidu l-għajnuna għall-awtoritajiet lokali, filwaqt li jiżguraw li dan ikun konsistenti ma' politiki u strumenti oħra tal-UE.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Dan l-approċċ jagħmel il-proċessi ta' reġistrazzjoni għall-votanti u l-kandidati aktar faċli, kif ukoll l-aċċess taċ-ċittadini tal-UE li jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE għal informazzjoni fl-elezzjonijiet muniċipali u għall-Parlament Ewropew. Isahħa id-Direttivi eżistenti biex jiżgura approċċ komprensiv li jindirizza l-problemi identifikati u jikseb l-akbar impatt, mentri jiġu rispettati s-setgħat nazzjonali dwar kwistjonijiet elettorali.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Din il-proposta ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv addizzjonali fuq l-UE jew fuq il-baġit tal-UE.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs (intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) u fuq il-kompetittività?

B'mod ġenerali jiġi preżunt li l-għażliet kollha jkollhom impatti ekonomiċi pożittivi indiretti, peress li jappoġġaw il-moviment liberu tal-persuni fl-UE u l-integrazzjoni fil-pajjiż ospitanti tagħhom. Imma l-SMEs mhumx mistennija li jkunu affettwati b'mod partikolari.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-għażla ppreferuta tkun tinvolvi xi kostijiet amministrattivi addizzjonali għall-awtoritajiet nazzjonali biex tkun faċilitata l-kooperazzjoni u biex jiġu informati ċ-ċittadini tal-UE li jmorru jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE, b'kostijiet ta' darba għall-adattament kif ukoll kostijiet rikorrenti.

Madankollu, dawn il-kostijiet huma mistennija li jiġu kkompensati mill-effiċjenza fit-tul maħluqa għall-awtoritajiet u ċ-ċittadini permezz ta' proċessi aktar effiċjenti.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Il-persuni li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jmorru jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE se jkunu jistgħu jipparteċipaw demokratikament f'dak il-pajjiż.

Proporzjonalità?

L-azzjoni proporzjonata tal-UE għandha tiżgura li:

- iċ-ċittadini tal-UE li jmorru jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet demokratiċi tagħhom fl-elezzjonijiet. Sabiex dan jinkiseb, hemm b'żonn li jiġi ċċarat il-qafas eżistenti tal-UE li jirregola dawn id-drittijiet.
- jonqsu l-opportunitajiet ta' votazzjoni multipla fl-elezzjonijiet Ewropej u b'hekk tissaħħa l-integrità tagħhom.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Se jiżdiedu rekwiżiti dwar il-monitoraġġ u r-rapportar regolari dwar l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali:

- **id-Direttiva 93/109/KE** – rapport wara kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew.
- **id-Direttiva 94/80/KE** – rapport kull ħames snin.

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-applikazzjoni taż-żewġ Direttivi u tipproduċi rapport ta' evalwazzjoni dwar il-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi fi żmien sentejn wara l-elezzjonijiet tal-2029 għall-Parlament Ewropew.